Persuni b'Diżabilità

KNPD

# il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

Rapport Annwali 2007/08

www.knpd.org

# Persuni b'Diżabilità

# il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

## Rapport Annwali 2007/08

KNPD

Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

Pubblikazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Ċentru Ħidma Soċjali, Istitut Vincenzo Bugeia, Santa Venera
Telefon: 2148 7789
Fax: 2148 4609
Textelfon: 2144 6536
Emejl: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità - 2008

Editur: Fred Bezzina

# WERREJ


Daħla 5

Sommarju Eżekuttiv 9

Ħarsa Ġenerali 13

Ilmenti Importanti 23

Lista ta’ Lmenti Kollha 35

Appendiċi
Kif tagħmel ilment 53

# AĊĊESS GĦAL KULĦADD SUĊĊESS GĦAL KULĦADD

Il-persuni li ħadmu fuq l-ewwel abbozz tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (LOI) sa mill-bidu nett kienu fehmu li, minbarra li xxejjen, jew tnaqqas, id-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità, liġi anti-diskriminatorja ta' din il-kwalità għandha żewġ aspetti ewlenin oħra:

- l-aspett regolatorju, u
- l-aspett edukattiv.

L-aspett regolatorju kważi kulħadd jifhmu mill-ewwel. Liġi ċivili qiegħda hemm biex toħloq parametri raġonevoli ta' mġieba tajba, ħafna drabi lejn grupp ta' persuni vulnerabbli fis-soċjetà. L-aspett regolatorju jinkludi l-possibilità li l-liġi tikkastiga l-individwu, li għal xi raġuni jew oħra, jagħżel li ma jirrispettax dawn il-parametri ta' mġieba ċivili.

Ħafna drabi l-aspett edukattiv tal-liġi huwa aktar diffiċli biex wieħed jifhmu mill-ewwel. Il-liġijiet joħloqhom il-bniedem, u huma l-għodda li bihom isawwar ambjent benevolenti, ambjent fejn il-bnedmin jistgħu jgħixu u jaħdmu b'moħħ mistrieħ. L-oppost ta' dinja bla liġijiet, hija l-ħajja selvaġġa tal-ġungla, fejn l-ebda liġi ma tgħodd u fejn min hu b'saħħtu jagħmel li jrid u saħansitra jagħmel skjav lil min hu aktar dgħajjef minnu.

Nistgħu ngħidu li dawn huma ż-żewġt uċuħ ta' l-istess munita, ċjoè, tal-Att I ta' l-2000. Fuq naħa waħda għandha l-għan li telimina kull forma ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità abbażi tad-diżabilità tagħhom. Minn naħa l-oħra, din il-liġi għandha l-għan li teduka u tibdel l-imġieba taċ-ċittadin f'waħda aktar pożittiva, waħda li taċċetta, tifhem u tagħti sapport lill-minoranzi bħall-persuni b'diżabilità.

L-essenza ta' dan l-aspett edukattiv tal-liġi jinstab fl-islogan għas-sena ta' ħidma 2008-09 tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżbilità: Aċċess Għal Kulħadd, Suċċess Għal Kulħadd.

Ħafna nies, b'mod żbaljat, jirreferu għall-LOI bħala "L-Liġi tagħkom", bħal li kieku jridu jgħidu li din hija l-liġi tal-persuni b'diżabiltà biss. Imma b'hekk qed juru li huma ma fehmux il-veru spirtu ta' din il-liġi. Il-LOI mhix hemm biex ittejjeb biss il-kwalità tal-ħajja ta' persuni bħali, li għandhom xi forma ta' nuqqas fiżiku jew mentali, imma qegħda hemm biex ittejjeb il-kwalità ta' ħajja ta' kull ċittadin Malti u Għawdxi. Għalhekk, din hi liġi għal kulħadd.

Jekk nieħdu eżempju wieħed biss, l-LOI tesiġi li kull bini, kull servizz u kull attività għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Imma qatt ħsibna ftit li jekk dan iseħħ, jissarraf fi kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd.

Ejja nieħdu ftit eżempji:

- Ambjent li hu fiżikament aċċessibbli (fejn hemm rampi u lifts) jgawdi minnu mhux biss persuni b'nuqqas ta' mobilità, imma anzjani, familjari ta' trabi li jużaw pushchairs, kif ukoll persuni li jġorru basktijiet tqal.
- Meta l-films u l-aħbarijiet fuq it-television jibdew jixxandru bis-subtitles, jew running titles, dawn jgħinu mhux biss lill-persuni neqsin mis-smigħ, imma lil tfal u adulti li qed jitgħallmu jaqraw.
- L-istess nistgħu ngħidu għall-persuni li għandhom nuqqas ta' dawl. Dawn igawdu meta newsletters, jew informazzjoni oħra stampata tingħata wkoll fuq awdjo, jew b'mod elettroniku. Imma dawn il-mezzi jgħinu wkoll lil min ma jafx jaqra, jew min ma tantx jista' joħroġ mid-dar.
- Il-maġġoranza ta' nies li għandhom nuqqas intellettwali jeħtieġ li jingħataw l-informazzjoni b'mod Faċli-biex-Taqra (easy-to-read). Imma l-esperjenza turina li ħafna nies bla nuqqas intellettwali jippreferu li tingħatalhom l-informazzjoni b'dan il-mod. Meta l-KNPD tistampa pubblikazzjoni ġdida, l-ewwel li jmorru huma dawk fil-verżjoni faċli biex taqra.

Imma l-attitudini tibqa' l-akbar eżempju ta' kif bidla pożittiva favur il-persuni b'diżabilità, ittejjeb il-ħajja tas-soċjetà kollha. Meta nitgħallmu naċċettaw id-differenza, nirrispettaw l-individwalità u d-dinjità tal-persuna u nkunu lesti li noffru sapport meta u kif meħtieġ,

m'hemmx dubju li l-imġieba ta' bejnietna titjieb mija fil-mija. Il-LOI għandha l-potenzjal li ġġib din il-bidla.

Għalhekk nappella lil min qed jaqra dan ir-rapport, barra milli jidħol fil-fond fl-istatistika u fl-implikazzjonijiet tal-każijiet li qed jissemmew, ma jinsiex il-firxa aktar wiesgħa tal-LOI: dik li, b'pass meqjus u b'mod raġonevoli, tittrasforma s-soċjetà tagħna f'waħda aktar ekwa u aktar inklussiva. Soċjetà fejn kulħadd isib postu, hi x'inhi l-abilità u/ jew id-diżabilità tiegħu, jew tagħha.

**Joseph M. Camilleri**
*Chairperson*

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

- Matul din it-tmin sena, il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq 183 ilment; 85 ilment li kienu għadhom pendenti mis-snin ta' qabel u 98 ilment ġdid.
- In-numru ta' lmenti ġodda wera tnaqqis ta' 7 lmenti fuq in-numru tas-sena l-oħra, 98 din is-sena u 105 s-sena ta' qabel, jew tnaqqis ta' madwar 7%; filwaqt li n-numru totali ta' lmenti li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena kien 2 ilmenti aktar minn dak tas-sena l-oħra.
- Fit-tmien snin li din il-Liġi ilha fis-seħħ, il-Kummissjoni investigat 703 ilmenti; medja ta' 88 ilment fis-sena li tvarja bejn 71 u 105 ilmenti. It-total ta' lmenti investigati matul din is-sena jfisser 10 ilmenti aktar mill-medja.
- Fil-qasam tax-xogħol, in-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena naqas b'ilment wieħed. Il-perċentwal ta' dan is-settur hu 2 punti anqas minn dak tal-medja.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti ġodda wera żieda sostanzjali u tela' għal 28 ilment biex il-perċentwal għal dan is-settur hu 8 punti aktar mill-medja. Dan hu dovut primarjament għall-investigazzjoni li l-Kummissjoni qed tagħmel dwar l-iskejjel tal-kompjuters.
- Fil-qasam tal-aċċessibilità, in-numru ta' lmenti baqa' l-ogħla però matul din is-sena kien hemm 13 ilment anqas minn dak tas-sena l-oħra. Il-perċentwal għal dan il-qasam issa hu 2 punti biss ogħla minn dak tal-medja.
- Fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, in-numru ta' lmenti naqas b'6 ilmenti u l-perċentwal għal dan is-sena hu 6 punti anqas minn dak tal-medja.
- L-akbar numru ta' lmenti reġa' kien dak relatat mal-qasam tal-aċċessibilità li jammonta għal ftit anqas minn nofs (45%) l-ilmenti ġodda li l-Kummissjoni rċeviet matul din is-sena.

- Il-Kummissjoni kkonkludiet 70 ilment waqt li 113 ilment għadhom miftuħa; 3 minnhom quddiem il-Qorti u wieħed arbitraġġ.
- Il-persentaġġ tal-ilmenti li qegħdin quddiem il-Qorti jew Arbitraġġ baqa' wieħed baxx; 2% tal-każijiet kollha, l-istess kif kien is-sena l-oħra.
- In-numru ta' lmenti li għadhom miftuħa hu 28 ilment aktar minn dak tas-sena ta' qabel; żieda qawwija ta' kważi 33%.
- Il-maġġoranza tal-ilmenti (64%) li għadhom pendenti huma relatati mal-qasam tal-aċċessibilità waqt li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi madwar 30% tal-każijiet relatati ma' dan il-qasam.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, il-Kummissjoni għad fadlilha 26 każ pendenti; wieħed minnhom quddiem il-Qorti. Il-maġġoranza huma relatati mal-iskejjel tal-kompjuters. Il-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi 27% tal-ilmenti li ħadmet fuqhom relatati ma' dan il-qasam.
- Fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, il-Kummissjoni fadlilha 12 ilment li trid tkompli l-ħidma fuqhom. Il-perċentwal tal-ilmenti li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi f'dan is-settur hu wieħed relattivament għoli; 57% tal-każijiet kollha f'dan is-settur.
- Fil-qasam tax-xogħol u tad-djar, il-Kummissjoni kkonkludiet il-każijiet kollha li rċeviet filwaqt li għad għandha lment wieħed biss miftuħ fil-qasam tal-assigurazzjoni.
- Għal din is-sena l-ilmenti fil-konfront tas-settur privat, inkluż il-Knisja, qabeż dawk li saru fil-konfront ta' entitajiet pubbliċi li jinkludi l-Gvern, entitajiet parastatali u l-Kunsilli Lokali. Il-perċentwal fil-konfront ta' entitajiet pubbliċi kien ta' 42%.
- In-numru ta' lmenti fil-konfront tal-Gvern u tal-Kunsilli Lokali baqgħu fl-istess livell tas-sena l-oħra.
- In-numru ta' lmenti kontra l-entitajiet parastatali u kontra l-Knisja naqsu, tal-ewwel bi 15 il-punt perċentwal u tat-tieni b'2 punti perċentwal.
- In-numru ta' lmenti kontra entitajiet mis-settur privat żdied bi 15-il punt perċentwal.
- Ilmenti dwar l-aċċessibilità kienu mifruxa mas-setturi kollha kemm dawk mis-settur pubbliku kif ukoll dak privat, b'numru sostanzjali indirizzati lejn il-Kunsilli Lokali.

- Il-maġġoranza tal-ilmenti fis-settur tal-edukazzjoni huma indirizzati lejn l-iskejjel tal-kompjuters fis-settur privat.
- Il-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq 38% tal-ilmenti kollha li ħadmet fuqhom matul din is-sena, tnaqqis ta' 16-il punt percentwal anqas minn dak ta' sena l-oħra.
- Fil-każ ta' lmenti kontra l-Gvern, l-entitajiet parastatali, u l-Kunsilli Lokali, il-Kummissjoni għalqet aktar minn nofs l-ilmenti; 62% fil-każ tal-Kunsilli Lokali, 61% fil-każ tal-entitajiet parastatali u 59% fil-każ tal-Gvern.
- Il-perċentwal ta' lmenti magħluqa fir-rigward tal-entitajiet privati u tal-Knisja kienu baxxi ħafna b'tal-ewwel ikun 28% u tat-tieni 14% biss.
- Il-Kummissjoni għandha tliet kawżi quddiem il-Qorti; waħda fil-konfront tal-Ministeru tal-Edukazzjoni (l-għoti ta' mediċina fl-iskejjel), waħda kontra l-Ministeru tas-Saħħa (Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira) u l-oħra kontra l-Lukanda Calypso.
- Intlaħaq ftehim biex l-ilment dwar l-aċċessibilità tal-Ispiżerija Rational f'B'kara jinstema' miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ.
- Il-Bord li jeżamina X'Inhu Raġjonevoli skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs ra 39 każ; 9 każijiet aktar mis-sena l-oħra imma 11-il każ anqas mill-medja.
- Il-Bord qies li 38% tal-każijiet li ra kienu raġjonevoli; l-istess livell tas-sena l-oħra u punt perċentwal biss anqas mill-medja.

# ĦARSA ĠENERALI

L-ewwel liġi ta' dan il-Millennju li l-Parlament Malti approva b'mod unanimu kienet il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), però din daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2000. Sa mill-bidu nett, il-Kummissjoni impenjat ruħha li kull sena tagħti rendikont dettaljat pubbliku tal-ħidma li hi tkun wettqet f'dan il-qasam fit-tnax-il xahar ta' qabel. Rapport tal-ħidma tal-Kummissjoni fl-oqsma l-oħra kollha jingħata f'rapport ieħor li l-Kummissjoni tippreżenta kull sena fi Frar.

Dan ir-rapport hu t-tmien rapport li l-Kummissjoni qed tippreżenta fejn tidħol il-ħidma tagħha fl-implimentazzjoni ta' din il-Liġi. Ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sat-30 ta' Settembru 2008.

Il-Kummissjoni għandha t-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs bil-għan li tirċievi lmenti ta' allegat diskriminazzjoni minn persuni minħabba d-diżabilità tagħhom relatati ma' diversi oqsma. Dan ir-rapport, bħal ma tagħmel l-istess Liġi u kif għamilna fis-snin l-oħra, jaqsam dawn l-ilmenti f'sitt oqsma ġenerali tal-ħajja li huma:

- Il-Qasam tax-Xogħol (Xgħl)
- Il-Qasam tal-Edukazzjoni (Eduk)
- L-Aċċessibilità (Aċċ)
- L-Għoti ta' Oġġetti u Servizzi (Serv)
- Il-Qasam tad-Djar (Djar) u
- Il-Qasam tal-Assigurazzjoni (Ass)

## ILMENTI

Fit-tmien sena ta' tħaddim ta' din il-Liġi, il-Kummissjoni ħadmet fuq total ta' 183 ilment li minnhom 85 ilment kienu għadhom pendenti mis-snin preċedenti waqt li rċeviet 98 ilment ġdid. Dawn iċ-ċifri mqabbla ma' dawk tas-sena ta' qabel juru li:

- in-numru ta' lmenti ġodda naqas b'mod marġinali jiġifieri b'7 ilmenti li jammonta għal tnaqqis ta' 7%.
- in-numru ta' lmenti totali li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena wera żieda

żgħira ta' 2 ilmenti peress li s-sena ta' qabel il-Kummissjoni ħadmet fuq 181 ilment.

Il-medja ta' lmenti li l-Kummissjoni qed tirċievi kull sena matul dawn it-tmien snin hi ta' 88 ilment u għalhekk in-numru ta' lmenti ġodda li l-Kummissjoni rċeviet f'dan il-perjodu hu 10 ilmenti aktar minn din il-medja.

Dawn il-183 ilment kienu mqassma kif jidher f'Tabella 1.

Meta wieħed iqabbel l-ilmenti l-ġodda ma' dawk li daħlu fis-snin ta' qabel wieħed isib iċ-cifri li jidhru f'Tabella 2. Din turi li:

- Fi tmien snin, il-Kummissjoni investigat 703 ilmenti; medja ta' 88 ilment fis-sena, li tvarja bejn 71 u 105 ilmenti.
- Fil-qasam tax-xogħol, in-numru ta' lmenti ġodda għal dan il-perjodu naqas b'ilment wieħed waqt li l-perċentwal tal-ilmenti f'dan is-settur imqabbel mal-ilmenti kollha naqas b'punt wieħed. Id-differenza fil-perċentwali għal dan is-settur meta mqabbel ma' dak tal-medja għal dawn it-tmien snin turi li kien hemm tnaqqis ta' 2 punti perċentwali.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti wera żieda sostanzjali billi n-numru rdoppja u minn 14 ilment tela' għal 28 ilment. Dawn iċ-ċifri juru li l-ilmenti f'dan is-settur jirrappreżentaw ftit anqas minn terz (29%) tal-ilmenti kollha għal din is-sena - żieda ta' 16-il punt perċentwali li wkoll hu 8 punti perċentwali aktar mill-medja għat-tmien snin kollha. Dan hu dovut l-aktar għall-investigazzjoni li l-Kummissjoni nediet fil-konfront tal-iskejjel li joffru korsijiet tal-kompjuters.

**TABELLA 1: Ilmenti li sar xogħol fuqhom fl-2007-2008**

| | **Xgħl** | | **Eduk** | | **Aċċ** | | **Serv** | | **Djar** | | **Ass** | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** |
| Mis-snin ta' qabel | 2 | 2 | 9 | 11 | 59 | 69 | 13 | 15 | 1 | 1 | 1 | 1 | 85 |
| Ġodda | 8 | 8 | 28 | 29 | 44 | 45 | 15 | 15 | 2 | 2 | 1 | 1 | 98 |
| **Total** | **10** | **5** | **37** | **20** | **103** | **56** | **28** | **15** | **3** | **2** | **2** | **1** | **183** |

- Il-qasam tal-aċċessibilità baqa' l-qasam li l-aktar isiru lmenti dwaru għalkemm matul dan il-perjodu wera tnaqqis. L-44 ilment li kien hemm f'dan il-qasam jikkostitwixxu ftit anqas minn nofs l-ilmenti kollha li saru (45%), però l-ilmenti f'dan il-qasam, f'dan il-perjodu naqsu bi 13-il ilment meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel. Il-persentaġġ ta' lmenti f'dan il-qasam meta mqabbel mal-ilmenti kollha hu 9 punti anqas minn dak tas-sena l-oħra imma hu 2 punti ogħla mill-medja għas-snin kollha.
- Fil-qasam tal-għoti ta' servizzi u oġġetti, in-numru ta' lmenti naqas b'6 ilmenti, bil-perċentwal meta mqabbel mal-ilmenti kollha juri tnaqqis ta' 6 punti fuq dak tas-sena l-oħra. Dan il-perċentwal hu wkoll 6 punti anqas minn dak tal-medja.
- Għal darb'oħra, in-numru ta' lmenti fl-oqsma tad-djar u tal-assigurazzjoni baqa' baxx u fl-istess livelli tas-snin l-imgħoddija.

| **TABELLA 2: Ilmenti matul is-snin** | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Xgħl** | | **Eduk** | | **Aċċ** | | **Serv** | | **Djar** | | **Ass** | | **Total** |
| | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** |
| 00/01 | 13 | 14 | 10 | 11 | 50 | 53 | 19 | 20 | 1 | 1 | 2 | 2 | 95 |
| 01/02 | 10 | 13 | 8 | 11 | 42 | 55 | 14 | 18 | 2 | 3 | - | - | 76 |
| 02/03 | 11 | 15 | 23 | 31 | 18 | 24 | 16 | 21 | 5 | 7 | 2 | 3 | 75 |
| 03/04 | 9 | 13 | 16 | 23 | 25 | 35 | 16 | 23 | 2 | 3 | 3 | 4 | 71 |
| 04/05 | 7 | 8 | 26 | 29 | 27 | 30 | 25 | 27 | 4 | 4 | 2 | 2 | 91 |
| 05/06 | 6 | 7 | 24 | 26 | 42 | 46 | 18 | 20 | 1 | 1 | 1 | 1 | 92 |
| 06/07 | 9 | 9 | 14 | 13 | 57 | 54 | 22 | 21 | 1 | 1 | 2 | 2 | 105 |
| 07/08 | 8 | 8 | 28 | 29 | 44 | 45 | 15 | 15 | 2 | 2 | 1 | 1 | 98 |
| **Total 00/08** | **73** | **10** | **149** | **21** | **305** | **43** | **145** | **21** | **18** | **3** | **13** | **2** | **703** |

Minn dawn iċ-ċifri jidher li l-persuni b'diżabilità f'Malta qed jużaw l-aktar din il-Liġi biex jippruvaw itejbu l-qasam tal-aċċessibilità, aktarx minħabba li dan hu aspett konkret u faċli tikkwantifikah. Għalhekk hu aktar faċli li wieħed jagħmel ilment relatat ma' dan il-qasam. Il-persuni b'diżabilità komplew jużaw din il-Liġi wkoll biex jippruvaw inaqqsu d-diskriminazzjoni kontrihom fil-qasam dwar l-għoti ta' servizzi u oġġetti. L-użu ta' din il-Liġi fil-qasam tal-edukazzjoni baqa' wieħed sostanzjali matul is-sena li għaddiet, waqt li n-numru ta' lmenti fil-qasam tax-xogħol donnu li stabbilixxa ruħu għal madwar 8 ilmenti fis-sena.

Tabella 3 turi x'ġara mill-183 ilment li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena. Minn dawn, 70 ilment ġew b'xi mod konklużi filwaqt li 113 ilment (4 minnhom qegħdin quddiem il-Qorti jew l-Arbitraġġ) għadhom miftuħin u qed isir aktar xogħol fuqhom. Dan ifisser li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi ftit aktar minn terz, 38% tal-ilmenti kollha li ħadmet fuqhom matul din is-sena. Dan il-persentaġġ hu ferm anqas minn dak tas-sena l-oħra, għax is-sena l-oħra dan il-persentaġġ kien ta' 54%, li jfisser tnaqqis ta' 16-il punt perċentwali. Dawn il-figuri jindikaw li l-Kummissjoni qed issibha aktar diffiċli sabiex tikkonkludi l-ilmenti li hi tirċievi.

In-numru ta' lmenti li spiċċaw quddiem il-Qorti jew l-Arbitraġġ baqa' wieħed l-istess – 4 każijiet - u dan jirrappreżenta biss 2% tal-każijiet kollha li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul dan il-perjodu. Bħala perċentwal, dan ukoll baqa' l-istess bħal tas-sena ta' qabel. Dawn il-figuri jkomplu jikkonfermaw il-filosofija dikjarata tal-Kummissjoni li hi tirrikorri għall-Qrati jew l-Arbitraġġ biss bħala l-aħħar miżura. Il-Kummissjoni temmen li l-ħidma tagħha tinvolvi bidla fil-mentalità u l-attitudini tas-soċjetà tagħna, li tista' sseħħ b'mod aktar effettiv permezz ta' negozjar, medjazzjoni u persważjoni, aktar milli bl-impożizzjoni tal-Qrati. Il-Qorti tintuża biss ma' min assolutament il-Kummissjoni tħoss li ma jridx jagħti kas ir-responsabiltà legali u soċjali li għandu jew għandha lejn il-persuni b'diżabilità.

In-numru ta' lmenti li għadhom miftuħa u li jrid jitkompla x-

**TABELLA 3: X'sar mill-ilmenti 2007-2008**

| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Magħluqa | 10 | 14 | 10 | 14 | 30 | 43 | 16 | 23 | 3 | 4 | 1 | 1 | 70 | 38 |
| Diskussi | - | - | 26 | 24 | 70 | 64 | 12 | 11 | - | - | 1 | 1 | 109 | 60 |
| Qorti | - | - | 1 | - | 3 | - | - | - | - | - | - | - | 4 | 2 |
| **Total** | **10** | **5** | **37** | **20** | **103** | **56** | **28** | **15** | **3** | **2** | **2** | **1** | **183** | **100** |

xogħol fuqhom fix-xhur li ġejjin hu ta' 113. Din iċ-ċifra turi żieda sostanzjali ta' 28 ilment fuq dak tas-sena ta' qabel. Dan jammonta għal żieda qawwija ta' kważi 33% u għalhekk ifisser li l-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam għas-sena li ġejja se tkompli tiżdied sew.

Barra minn hekk, Tabella 3 tagħti wkoll analiżi tal-ilmenti li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena, skond it-tip ta' lment.

Il-maġġoranza tal-ilmenti konklużi naturament ikunu dawk dwar l-aċċessibilità però wieħed jista' jinnota li l-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq il-każijiet kollha relatati mal-qasam tax-xogħol u l-ftit każijiet (3) li kellha relatati mal-qasam tad-djar. Fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, il-Kummissjoni kkonkludiet aktar minn nofs l-ilmenti, 57%; waqt li fil-qasam tal-aċċessibilità u l-edukazzjoni kkonkludiet kważi terz tal-ilmenti, jiġifieri 30% fil-qasam tal-aċċessibilità u 27% fil-qasam tal-edukazzjoni.

Min-naħa l-oħra, il-maġġoranza tal-ilmenti, jiġifieri 64%, li għadhom miftuħa u li għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwarhom huma relatati mal-aċċessibilità. Dan hu dovut l-aktar għall-fatt li l-akbar numru ta' lmenti li jsiru hu dwar l-aċċessibilità. Tlieta minn dawn il-każijiet li għadhom pendenti qegħdin il-Qorti waqt li lment ieħor qed jinstema' miċ-Ċentru ta' l-Arbitraġġ. Tlieta minn dawn l-ilmenti huma relatati mal-qasam tal-aċċessibilità waqt li l-ieħor hu relatat mal-qasam tal-Edukazzjoni. It-tieni l-akbar numru ta' lmenti li għadhom miftuħa hu dak relatat mal-edukazzjoni, 26 ilment; waqt li hemm 12 ilment miftuħ fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi.

## KONTRA MIN SARU L-ILMENTI

Il-Kummissjoni tinvestiga lmenti li jsiru kontra diversi entitajiet f'pajjiżna kemm dawk li huma pubbliċi li jinkludu l-Gvern (Gvn), entitajiet parastatali (Para), Kunsilli Lokali (KL), entitajiet privati (Priv) kif ukoll il-Knisja (Kns). Analażi tal-ilmenti li l-Kummissjoni rċeviet matul is-snin imqassmin skond l-entità tidher f'Tabella 4. Minn din it-tabella wieħed jista' jagħmel diversi osservazzjonijiet. Jidher li matul din is-sena l-akbar ċaqlieq kien fir-rigward ta' lmenti relatati ma' entitajiet parastatali jew privati.

Matul din is-sena wkoll, kien hemm aktar ilmenti li saru kontra s-settur privat (58%) milli dawk li saru kontra entitajiet pubbliċi. Dan hu dovut l-aktar għall-fatt li l-Kummissjoni qed tagħmel investigazzjoni fil-qasam tal-iskejjel li jgħallmu l-kompjuters. Dan ifisser li l-ilmenti li saru kontra entitajiet pubbliċi matul din is-sena naqas bi 11-il punt perċentwal minn 53% għal 42%. Dan hu ukoll 7 punti perċentwali anqas mill-medja li hi ta' 49%.

L-ilmenti fil-konfront tal-Gvern waħdu u tal-Kunsilli Lokali weħidhom

**TABELLA 4: Kontra min saru l-ilmenti**

| | Gvern | | Para | | KL | | Kns | | Priv | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| 00/01 | 38 | 40 | 23 | 24 | 6 | 6 | 9 | 9 | 19 | 20 | 95 |
| 01/02 | 23 | 30 | 13 | 17 | 16 | 21 | 14 | 18 | 10 | 13 | 76 |
| 02/03 | 34 | 45 | 11 | 15 | 9 | 12 | 2 | 3 | 19 | 25 | 75 |
| 03/04 | 43 | 61 | 6 | 8 | 8 | 11 | 4 | 6 | 10 | 14 | 71 |
| 04/05 | 29 | 32 | 15 | 16 | 11 | 12 | 11 | 12 | 25 | 27 | 91 |
| 05/06 | 28 | 30 | 14 | 15 | 5 | 5 | 25 | 27 | 20 | 22 | 92 |
| 06/07 | 16 | 15 | 25 | 24 | 15 | 14 | 17 | 16 | 32 | 30 | 105 |
| 07/08 | 16 | 16 | 10 | 10 | 15 | 15 | 13 | 13 | 44 | 45 | 98 |
| **Total 00/08** | **227** | **32** | **117** | **17** | **85** | **12** | **95** | **14** | **179** | **25** | **703** |

baqgħu fl-istess livelli tas-sena l-oħra, filwaqt li l-ilmenti fil-konfront ta' entitajiet parastatali naqsu bi 15-il punt perċentwal. L-ilmenti fir-rigward tal-Knisja naqsu wkoll minn 16% għal 13%. Kien hemm żieda qawwija fl-ilmenti reġistrati kontra entitajiet privati minn 30% għall-45%, li tfisser żieda ta' 15-il punt perċentwal.

Analiżi aktar dettaljata dwar l-ilmenti fil-konfront ta' entitajiet differenti u l-oqsma differenti tinsab f' Tabella 5.

Minn din it-tabella wieħed jista' jagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

- Il-maġġoranza tal-ilmenti dwar ix-xogħol isiru fil-konfront tal-Gvern u ta' entitajiet parastatali (38% fiż-żewġ każi).
- Il-maġġoranza tal-ilmenti relatati mal-qasam tal-edukazzjoni huma marbuta mal-investigazzjoni li l-Kummissjoni qed tagħmel fil-konfront tal-iskejjel tal-kompjuters.
- L-akbar numru ta' lmenti fejn tidħol l-aċċessibilità huma kontra l-Kunsilli Lokali (34%), l-aktar dawk relatati ma' aċċessibilità fit-toroq. Però hemm ilmenti fil-qasam tal-aċċessibilità f'kull settur b'27% jkunu kontra l-Knisja (27%) u 23% kontra s-settur privat.
- Ftit aktar minn nofs (53%) tal-ilmenti relatati mal-għoti ta' oġġetti u servizzi huma kontra entitajiet governattivi. In-nofs l-ieħor hu kważi maqsum indaqs b'27% jkunu kontra entitajiet privati u 20% kontra entitajiet parastatali.

Analiżi oħra dwar il-183 ilment li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena hi skond l-entitajiet li kontrihom saru l-ilmenti, u x'kien

**Tabella 5: Ilmenti fil-konfront ta' entitajiet u oqsma differenti**

| | Gvern | | Para | | Kunsilli | | Knisja | | Privat | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| Xogħol | 3 | 38 | 3 | 38 | - | - | - | - | 2 | 25 | 8 |
| Eduk | 1 | 4 | 1 | 4 | - | - | 1 | 4 | 25 | 89 | 28 |
| Aċċ | 4 | 9 | 3 | 7 | 15 | 34 | 12 | 27 | 10 | 23 | 44 |
| Servizzi | 8 | 53 | 3 | 20 | - | - | - | - | 4 | 27 | 15 |
| Djar | - | - | - | - | - | - | - | - | 2 | 100 | 2 |
| Assig | - | - | - | - | - | - | - | - | 1 | 100 | 1 |
| **Total** | **16** | **16** | **10** | **10** | **15** | **15** | **13** | **13** | **44** | **45** | **98** |

**TABELLA 6: X'sar mill-ilmenti skond l-entitajiet**

| | Mgħl | | Disk | | Qorti | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Gvern | 17 | 59 | 10 | 34 | 2 | 7 | 29 | 16 |
| Para | 14 | 61 | 9 | 39 | - | - | 23 | 13 |
| KL | 14 | 62 | 9 | 38 | - | - | 23 | 13 |
| Kns | 5 | 14 | 32 | 86 | - | - | 37 | 20 |
| Priv | 20 | 28 | 49 | 69 | 2 | 3 | 71 | 39 |
| **Total** | **70** | **38** | **109** | **60** | **4** | **2** | **183** | **100** |

ir-riżultat ta' din il-ħidma. Tabella 6 turi din l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq 38% biss tal-ilmenti li hi ħadmet fuqhom matul din is-sena. Dan jammonta għall-16-il punt perċentwal anqas minn dak tas-sena ta' qabel.

Ir-rata li biha l-Kummissjoni kkonkludiet l-ilmenti li kellha kienet waħda pjuttost pożittiva fil-konfront tal-Kunsilli Lokali (62% tal-każijiet), tal-entitajiet parastatali (61%) u tal-Gvern (59%) waqt li fil-konfront tal-entitajiet privati din kienet waħda baxxa (28%) u ferm aktar baxxa fil-konfront tal-Knisja (14%).

## IL-QORTI

Matul din is-sena, il-Kummissjoni kellha tliet każijiet quddiem il-Qrati Maltin, waqt li hemm qbil biex każ wieħed jiġi deċiż miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. It-tliet każijiet li hemm quddiem il-Qrati huma:

- Il-każ kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira peress li dan joffri s-servizzi tiegħu mit-tieni sular u m'hemmx lift;
- Il-każ kontra l-Lukanda Calypso, f'Marsalforn, rigward aċċessibilità u li qed jinstema' quddiem il-Qorti ta' Għawdex. Għaddejjin diskussjonijiet biex tinstab soluzzjoni barra l-Qorti;
- Il-każ kontra l-Ministeru tal-Edukazzjoni rigward l-għoti ta' mediċina fl- iskejjel lill-istudenti b'diżabilità. Hawnhekk ukoll qed isiru tentattivi biex tinstab soluzzjoni barra l-Qorti.

Il-każ li se jibda jinstema' miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ jirrigwarda l-aċċessibilità ta' spiżerija f'B'kara.

## BORD DWAR L-EŻAMI TA' X'INHU RAĠJONEVOLI

Skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tirċievi lmenti ta' diskriminazzjoni, tinvestigahom, timmedja biex tinstab soluzzjoni u jekk tħoss il-ħtieġa, tressaq il-każ tagħha għall-Arbitraġġ jew il-Qorti. Il-Kummissjoni hi obbligata wkoll li tagħti pariri fuq il-Liġi u l-infurzar tagħha kemm lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom kif ukoll lill-bqija tas-soċjetà, li għandha xi obbligi li joħorġu minn din il-Liġi.

Il-Kummissjoni trid twettaq din il-ħidma bil-limiti ta' dak li l-istess Liġi tiddefinixxi bħala "raġjonevoli" (Kapitlu IV). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni waqqfet bord biex jgħinha tiddeċiedi x'għandu jiġi kkunsidrat bħala raġjonevoli f'każijiet partikulari. Dan il-bord hu kompost mis-Sur Fred Bezzina, direttur eżekuttiv tal-Kummissjoni li jaġixxi bħala ċermen ta' dan il-bord, u s-Sinjura Marianne Debono, maniġer tat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs fil-Kummissjoni, is-Sinjuri Gordon Cardona (persuna b'diżabilità), John Peel (ġenitur ta' persuna b'diżabilità li ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha), il-Perit Robert Musumeci (rappreżentant tal-Building Industry Consultative Committee), Joseph Camilleri (mis-settur pubbliku), Anne McKenna (mis-settur privat) li jaġixxu bħala membri. Is-Sinj Alison Grima hi s-segretarja ta' dan il-bord.

Ħafna drabi d-deċiżjonijiet meħuda minn dan il-bord ikunu negozjati u għalhekk il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet jiġu aċċettati bħala li huma raġjonevoli imma b'ċerti kundizzjonijiet. Matul dawn l-aħħar ħames snin dan il-bord ħadem kif jidher f'Tabella 6.

Il-maġġoranza assoluta tal-każijiet li dan il-bord jara tkun kontestazzjoni tal-pożizzjoni li l-Kummissjoni tieħu meta tivvettja applikazzjonijiet għall-iżviluppi li jsiru lill-MEPA.

In-numru ta' każijiet li dan il-bord ra matul din is-sena żdied b'34% għall-39 każ, però xorta hu anqas mill-medja li issa qiegħda 50 każ. Il-perċentwal ta' każijiet li ġew deċiżi minn dan il-bord bħala raġjonevoli b'kundizzjonijiet baqa' fl-istess livell tas-sena l-oħra (38%) li hu kważi l-istess tal-medja (39%) għall-ħames snin li dan il-bord ilu jiffunzjona.

## KONSULTAZZJONI

Il-Kummissjoni tagħti importanza qawwija lill-aspett edukattiv ta' din il-Liġi u għaldaqstant matul din is-

| TABELLA 7: Bord dwar l-eżami ta' x'inhu raġonevoli | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 03/04 | | 04/05 | | 05/06 | | 06/07 | | 07/08 | | Total 03/08 | |
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Każijiet diskussi | 51 | | 71 | | 59 | | 29 | | 39 | | 249 | |
| Raġonevoli b'kundizzjoni/jiet | 30 | 59 | 27 | 38 | 15 | 25 | 11 | 38 | 15 | 38 | 98 | 39 |
| Mhux raġonevoli | 21 | 41 | 44 | 62 | 44 | 75 | 18 | 62 | 24 | 62 | 151 | 61 |

sena kompliet il-ħidma tagħha biex toffri servizz ta' konsulenza dwar din il-Liġi kemm lil dawk kollha li jaħdmu dirett f'dan is-settur, jiġifieri l-persuni b'diżabilità, il-familji u l-organizzazzjonjiiet tagħhom u l-professjonisti, kif ukoll dawk il-persuni u l-entitajiet li għandhom xi obbligi b'din il-Liġi, bħal ma huma dawk li jħaddmu n-nies, dawk li joffru servizz, entitajiet edukattivi u l-bqija. In-numru ta' konsultazzjonijiet kien wieħed qawwi.

## TAQSIMA LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-Kummissjoni għandha taqsima żgħira fi ħdan is-Segretarjat tagħha li bħala ħidma għandha t-tħaddim ta' din il-liġi. Din it-taqsima tikkonsisti:

- Il-Maniġer tat-Taqsima, is-Sinjura Marianne Debono
- Is-Services Officer, is-Sur Elvin Sciberras
- Il-Konsulent Legali, Dr Daniela Mangion.

## KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni kif għamlet fil-passat se tkompli taħdem biex tara li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tkompli tiġi mħaddma sew biex hekk il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom ikollhom l-ogħla kwalità ta' ħajja possibbli. Dan l-impenn se jissaħħaħ jekk Malta, kif hi impenjata li tagħmel, tirrattifika l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u nittamaw ukoll il-Protokoll mhux Obbligattorju li hemm ma' din il-Konvenzjoni.

**Fred Bezzina**
*Direttur Eżekuttiv*

**Marianne Debono**
*Maniġer - Taqsima LOI*
*Kummissjoni Nazzjonali*
*Persuni b'Diżabilità*

# ILMENTI IMPORTANTI

F'din it-taqsima, il-Kummissjoni se tagħti rendikont fil-qosor tal-ilmenti prinċipali li ħadmet fuqhom matul din is-sena. Dawn se jinqasmu fi tliet taqsimiet:

- Ilmenti magħluqa għal diversi raġunijiet primarjament għax tkun instabet soluzzjoni raġjonevoli għalihom;
- Ilmenti li dwarhom għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet;
- Ilmenti li spiċċaw quddiem il-Qorti jew l-Arbitraġġ.

## ILMENTI MAGĦLUQA

### IX-XOGĦOL

**Applikazzjoni mal-Forzi Armati minn Persuna li ma tarax il-Kuluri**

Il-Kummissjoni rċeviet lment mingħand persuna li ma tarax il-kuluri (colour blindness) li applikat biex tidħol suldat mal-Forzi Armati ta' Malta u li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata mill-ewwel. Wara riċerka li saret, il-Kummissjoni argumentat li dan in-nuqqas fiżiku m'għandux jiskwalifika awtomatikament persuna milli tapplika sabiex tidħol suldat. Wara diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat, il-Forzi Armati qablu ma' dan u bidlu l-proċedura tagħhom ta' reklutaġġ biex tirrifletti dan il-qbil.

**Apprentist Nieqes mis-Smigħ**

Apprentist nieqes mis-smigħ li kien qed isegwi kors ta' mekkanik, sab diffikultà kbira biex ikompli l-kors tiegħu minħabba li ma setax isib sponsor biex ikun l-employer. Wara riċerka li saret, irriżulta li dan in-nuqqas m'għandux awtomatikament jiskwalifika persuna milli ssegwi din is-sengħa. Wara diskussjonijiet mal-ETC, instab sponsor għal din il-persuna biex hekk hu setà jkompli l-istudji tiegħu.

**Ħaddiem mal-Kooperattiva tal-Eden**

Il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq ilment minn ħaddiem

b'diżabilità li kien impjegat mal-Kooperattiva tal-Fondazzjoni Eden. Dan il-ħaddiem allega li, meta din il-kooperativa xoljiet, hu tkeċċa waqt li ħaddiema oħra tal-istess kooperattiva li m'għandhomx diżabilità ngħataw impjieg mal-Fondazzjoni Eden. Din il-kooperativa argumentat li hi għalqet għax kienet qed tagħmel ħafna telf. Il-ħaddiema kollha tal-kooperativa ngħataw opportunità li japplikaw għall-impjieg mal-Fondazzjoni u dawk li nstabu adattati ngħataw impjieg alternattiv. Il-Kummissjoni investigat dan l-ilment u kienet tal-opinjoni li ma kienx hemm prova ta' diskriminazzjoni min-naħa ta' din il-kooperativa.

## EDUKAZZJONI

### Arranġamenti Speċjali għall-Eżamijiet tal-MATSEC

Il-Kummissjoni kompliet taħdem mal-Kumitat tal-Università, Access Disability Support Committee (ADSC) bil-għan li tara li l-Università verament toffri opportunitajiet indaqs lill-istudenti u staff tagħha b'diżabilità inkluż li l-arranġamenti għall-eżamijiet, speċjalment dawk tal-MATSEC, joffru opportunitajiet indaqs lill-istudenti b'diżabilità.

Għal dan il-għan:

- Tfasslu linji gwida li fuqhom qed jimxi l-Bord tal-MATSEC;
- Dawn il-linji gwida ġew ippubblikati u tpoġġew fuq il-websajt tal-Università u tal-KNPD;
- Ġew ippreżentati lil dawk kollha interessati f'laqgħat li saru speċifikament għal dan il-għan;
- Twaqqaf kumitat ta' esperti, fosthom rappreżentant tal-KNPD, biex jagħti parir uffiċjali lill-Bord tal-MATSEC fit-tħaddim ta' dawn il-linji gwida.

Il-Kummissjoni hi sodisfatta li dawn il-miżuri se jgħinu biex studenti b'diżabilità verament ikollhom opportunitajiet indaqs waqt l-eżamijiet, mingħajr imma ma jingħataw vantaġġ mhux ġust jew tiġi mxellfa l-integrità tal-eżamiet.

## L-AĊĊESSIBILITÀ

### Wirjiet organizzati minn Heritage Malta

Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex il-wirjiet ta' Heritage Malta li kienet qed torganizza fil-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta, ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

Wara diskussjoni ma' din l-entità nstabet soluzzjoni fi żmien qasir

biex il-lift li kien diġà nstallat jibda jiffunzjona. Ġiet installata rampa għall-entratura prinċipali ta' dan il-bini. Din ir-rampa hi raġjonevolment aċċettabbli għalkemm tista' titjieb xi ftit.

### Aċċessibilità f'Bini tal-Knisja Maltija

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex tal-anqas il-knejjes parrokkjali kollha jkollhom entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd skond il-linji gwida tal-Kummissjoni. Wara laqgħa mal-Eċċ. Tiegħu Mons Arċisqof Pawlu Cremona, ġie deċiż li dan l-eżerċizzju jitkompla u għal dan il-għan saru diversi laqgħat bejn rappreżentanti għolja taż-żewġ naħat. Matul dawn it-tnax-il xahar, il-Kummissjoni tista' tirrapporta li numru minn dawn il-knejjes issa għandhom entratura aċċessibbli, fosthom il-parroċċi ta'

- Fleur-de-Lys
- l-Ibraġġ
- Santa Venera.

Barra minn hekk, ġie stallat lift u sar xogħol strutturali ieħor biex l-uffiċini tal-Media Centre fil-Blata l-Bajda issa hu aċċessibbli għal kulħadd.

### Faċilitajiet Sanitarji fil-Pjazza tal-Mosta

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li fit-tisbiħ li kien sar għall-Pjazza tal-Mosta, it-toilets pubbliċi baqgħu mhux aċċessibli għal kulħadd. Wara diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill kien hemm qbil li jsiru toilets li jkunu fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. Issa dawn it-toilets saru u għalhekk dan l-ilment issolva.

### Aċċessibilità għal Firstar Healthcare

Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex il-post minn fejn Firstar Healthcare qed tmexxi n-negozju tagħha jkun aċċessibbli għal kulħadd, l-aktar minħabba l-fatt li dan ibiegħ apparat għall-użu ta' persuni b'diżabilità bħal ma huma siġġijiet tar-roti. Minkejja korrispondenza twila, il-Kummissjoni għall-ewwel ma rnexxilhiex issib soluzzjoni u għalhekk ippreżentat protest ġudizzjarju. Wara dan, il-management sab soluzzjoni u l-entratura prinċipali ta' dan il-ħanut issa hi aċċessibbli għal kulħadd u raġjonevolment konformi mal-Liġi Opportunitajiet Indaqs.

**Il-Lukanda Riviera**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Lukanda Riviera, fiċ-Ċirkewwa, minkejja li kienet fetħet ferm wara s-sena 2000 kellha diversi nuqqasijiet fir-rigward ta' aċċessibbilità għal kulħadd. Dawn il-problemi kollha ssolvew inkluż l-aċċess għall-pizzerija u għall-pool. Għaldaqstant issa din il-Lukanda hi raġjonevolment aċċessibbli għal kulħadd.

**Parkeġġi Riservati**

Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti rigward parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità li minnhom rnexxielha ssolvi dawn it-tnejn:

- Fil-viċinanza taċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, ma kienx hemm parkeġġ riservat. Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni u dan sar.
- Inqalgħet it-tabella tal-parkeġġ riservat li hemm ħdejn il-knisja ta' Santu Wistin, fil-Belt Valleta u l-bankina min-naħa waħda taż-zebra crossing li hemm fl-istess viċinanza ma kinetx aċċessibbli. Il-Kunsill tal-Belt Valletta qabel li terġa' titwaħħal din it-tabella u rranġa l-bankina biex issa din hi aċċessibbli miż-żewġ naħat taż-zebra crossing.

## ILMENTI LI GĦADHOM QED JIĠU DISKUSSI

### EDUKAZZJONI

**Aċċessibilità fl-Iskejjel tal-Kompjuter**

Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li persuni b'diżabilità kienu qed isibu diffikultajiet enormi biex isegwu korsijiet tal-kompjuter minħabba li dawn jingħataw f'bini li fiżikament mhux aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni kitbet lil 22 skola li jagħtu dawn il-korsijiet u se tkompli taħdem biex din is-sitwazzjoni titjieb biex hekk aktar persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom f'settur daqshekk importanti fid-dinja tal-lum.

**Aċċessibilità fl-Iskejjel**

Waħda mill-problemi li l-Kummissjoni ppruvat issolvi matul din is-sena hi l-aċċessibilità għal palks li hemm fis-swali tal-iskejjel. Intlaħaq qbil li jinxtara lift portable li jkun jista' jintuża fi skejjel differenti skond il-bżonn. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dan il-ftehim jiġi implimentat.

**Edukazzjoni Post Sekondarja**

Il-Kummissjoni kompliet taħdem mal-iMCAST biex din l-istituzzjoni post sekondarja toffri opportunitajiet indaqs lil studenti b'diżabilità fuq żewġ livelli:

- Li studenti b'diżabilità jingħataw is-sapport meħtieġ biex huma jkunu jistgħu jsegwu korsijiet regolari tal-MCAST;
- Jkun hemm kors vokazzjonali speċifiku imma integrat sal-massimu possibbli lil studenti b'diżabilità l-aktar dawk intellettwali fuq l-istess linji ta' Pathways.

Kien hemm qbil fil-prinċipji u ġie ffirmat ftehim dwar dan miż-żewġ naħat. Inħatar ukoll kumitat bejn iż-żewġ naħat biex ikompli jiġi segwit l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim. Sa l-aħħar ta' Settembru ġew irreġistrati dawn l-iżviluppi pożittivi:

- L-istudenti b'diżabilità kollha li applikaw biex jagħmlu kors għas-sena skolastika 2008-09 ġew aċċettati u se jsir dak kollu possibbli biex huma jingħataw is-sapport li għandhom bżonn.
- Reġa' beda l-kors Pathways għal madwar sitt studenti b'diżabilità intellettwali.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dan il-progress reġistrat jitkompla.

**Learning Support Assistants fl-Iskejjel tal-Knisja**

Il-Kummissjoni kompliet tirċievi lmenti li numru żgħir ta' studenti b'diżabilità fl-iskejjel tal-knisja kienu qed jintbagħtu d-dar meta l-Learning Support Assistant (LSA) tagħhom tkun assenti. Din il-problema tqajmet waqt il-laqgħa li rappreżentanti tal-Kummissjoni kellhom mal-Arċisqof Mons Pawl Cremona. L-Awtoritajiet tal-Knisja aċċettaw li jippruvaw jixtru servizz ta' LSA mill-pool li d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għandha għal dan il-għan imma għall-iskejjel tagħha biss. Id-diskussjonijiet biex tissolva din il-problema għadhom għaddejjin.

## AĊĊESSIBILITÀ

**Aċċessibilità fit-Toroq**

Il-Kummissjoni kompliet tirċievi diversi lmenti li numru ta' toroq kemm dawk arterjali kif ukoll residenzjali kienu qed isiru mhux skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Fir-rigward tat-toroq residenzjali, il-Kummissjoni titratta

kull każ mal-Kunsill Lokali konċernat waqt li fil-każ tat-toroq arterjali, hi ressqet dawn l-ilmenti lill-Awtorità dwar it-Trasport. Bħala regola, l-ilmenti diretti lejn il-Kunsilli Lokali jiġu solvuti b'mod raġjonevoli.

Fir-rigward tal-Awtorità dwar it-Trasport, rappreżentanti tal-Kummissjoni kellhom laqgħa kemm mal-Ministru responsabbli, l-Onor Dr Austin Gatt, kif ukoll mal-Kap Eżekuttiv il-ġdid, is-Sur Simon Vella. Kien hemm qbil li l-Awtorità tinnomina uffiċjal għoli tagħha biex iservi bħala liaison officer għal dan is-settur. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex ikun hemm aktar progress f'dan ir-rigward.

### Parkeġġi Riservati

Il-Kummissjoni kellha lmenti li ċerti parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità kienu bil-ħin meta l-parkeġġi tal-madwar ma kienux. L-Awtorità dwar it-Trasport kienet ħarġet regolament li dan ma setax isir. Waħda minn dawn il-parkeġġi kienet fil-Pjazza prinċipali taż-Żejtun. Wara diskussjonijiet twal bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill Lokali taż-Żejtun, kien intlaħaq ftehim li jsiru 2 parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità, waħda tkun bil-ħin u l-oħra mingħajr ħin. Eventwalment il-waħda ta' mingħajr ħin saret iżda wara ftit ġranet din inbidlet u saret bil-ħin ukoll. Il-Kummissjoni qed tkompli tirsisti biex din il-problema tissolva.

### Il-Belvedere tas-Sur tal-Imdina

Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex il-Belvedere tas-sur tal-Imdina jkun aċċessibbli għal kulħadd. Applikazzjoni għal rampa ġiet rifjutata mill-MEPA però d-Diviżjoni tax-Xogħolijiet, bis-sapport tal-Kummissjoni appellat minn din id-deċiżjoni. L-Appell għadu ma nqatgħax.

### Knejjes Parrokkjali f'Malta

Kif diġà ġie spjegat, il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex tal-anqas il-knejjes parrokkjali kollha jkollhom entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd skond il-linji gwida tal-Kummissjoni. Matul din is-sena sar xogħol fuq numru sostanzjali ta' knejjes biex dawn isiru aċċessibbli, waqt li oħrajn għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwarhom. Din il-ħidma tqajmet waqt il-laqgħa kordjali li l-Kummissjoni kellha mal-Arċisqof il-ġdid, Mons Pawl Cremona u Mons Anton Gouder, Pro Vigarju Ġenerali. F'din il-laqgħa

ntlaħaq ftehim li se jsir sforz qawwi biex din il-problema tissolva, b'mod raġjonevoli u fl-iqsar żmien possibbli. Id-Direttur Eżekuttiv u l-Pro Vigarju qed iżommu kuntatt fuq bażi regolari biex jassiguraw li dan iseħħ.

### Knejjes Parrokkjali f'Għawdex

Il-Kummissjoni kellha l-istess problema dwar il-knejjes parrokkjali f'Għawdex u għalhekk delegazzjoni tal-Kummissjoni reġgħet iltaqgħet mal-Isqof ta' Għawdex, Mons Mario Grech fejn informa lill-Kummissjoni li hu kien ħatar Kumitat Djoċesan immexxi minn Fr Joe Bajada biex, fost l-oħrajn, jara li jkun hemm progress f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni ftit li xejn tista' tirreġistra progress, għajr li matul din is-sena tjiebet sostanzjalment l-aċċessibilità għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

### Uffiċini Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għamel studju dettaljat ta' kull uffiċċju distrettwali bil-għan li jitfassal pjan ħalli fuq medda ta' żmien dawn l-uffiċċji jsiru aċċessibbli sal-massimu possibbli. Sfortunatament dan il-pjan baqa' ma sarx u għalhekk ftit jista' jiġi reġistrat progress għajr li l-uffiċini ġodda fil-Qawra u li nfetħu riċentament, huma aċċessibbli għal kulħadd.

### Aċċessibilità għal Bereġ

Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li l-Bereġ tad-Diviżjoni tas-Saħħa ma kienux aċċessibbli għal kulħadd u f'ħafna każi kienu wkoll diffiċli li jintużaw minn persuni anzjani. Sar qbil li rappreżentanti tal-Kummissjoni u tad-Diviżjoni tas-Saħħa jagħmlu audit ta' dawn il-bereġ kollha b'rakkomandazzjonijiet kif l-aċċessibilità tista' titjieb sal-massimu possibbli.

### Il-Bank Banif

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Bank ġdid Banif fetaħ fergħa tiegħu f'San Ġiljan li ma kinetx aċċessibbli għal kulħadd u dan minkejja li l-pjanti li ġew għand il-Kummissjoni mill-MEPA kienu jindikaw li dan kien se jsir aċċessibbli. Wara diskussjonijiet, il-Bank spjega li kien ħa żball u parti mill-proprjetà li ħaseb li kienet tiegħu fil-fatt ma kinetx u għalhekk ma setgħetx isir ir-rampa proposta fil-permess. Minflok, il-Bank, mingħajr konsultazzjoni mal-

Kummissjoni, stalla platform lift li l-qisien tiegħu m'humiex skond il-linji gwida tal-Kummissjoni, u hemm tarġa għal dan il-platform lift. Irriżulta wkoll li dan il-Bank għandu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'post li mhux aċċessibbli għal kulħadd. Wara wkoll fetaħ fergħa oħra fil-PAVI Supermarket f'Ħal Qormi, fejn ir-reception biss hija aċċessibbli. Il-Bank wiegħed li fil-fergħa li għandu fil-PAVI Supermarket se jiġi nstallat lift fi ftit ġimgħat.

Il-Kummissjoni ma aċċettatx din is-sitwazzjoni u qed titlob li l-uffiċċju prinċipali jsir aċċessibbli u li jkun hemm garanzija qawwija li l-fergħat ta' dan il-Bank li se jinfetħu fil-futur ikunu, mill-bidu nett, aċċessibbli għal kulħadd. Id-diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat għadhom għaddejjin.

## Il-Bank APS

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Bank APS fetaħ fergħa f'B'kara li mhix aċċessibbli għal kulħadd. Il-Bank aċċetta li fl-iqsar żmien possibbli jagħmel dan l-uffiċċju aċċessibbli għal kulħadd b'mod raġjonevoli.

## Aċċessibilità f'Perch Beach

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-iżvilupp f'din il-bajja ma kienx sar skond il-permess kif maħruġ mill-MEPA. Għalkemm din il-bajja għandha rampa tajba, passaġġ tal-injam fuq ir-ramel u faċilitajiet sanitarji aċċessibbli, dawn setgħu saru ħafna aħjar. Barra minn hekk ma ġiex installat hoist biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jinżlu fil-baħar kif propost fil-pjanti approvati mill-MEPA. Wara diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat, l-affarijiet kollha minbarra l-hoist saru waqt li l-Awtorità dwar it-Turizmu ntrabtet li l-*hoist* isir sas-sajf li ġej.

## Il-Valletta Waterfront

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex l-iżvilupp tal-Valletta Waterfront ikun aċċessibbli għal kulħadd. Il-bankina li tagħti għal dan ix-xatt min-naħa tal-Marsa issa hi aċċessibbli għal kulħadd waqt li hemm parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità u qed isiru diskussjonijiet biex ikun hemm aktar.

It-toilets għall-persuni b'diżabilità fis-Sea Passenger Terminal mhux aċċessibbli u ntlaħaq qbil li dawn jitranġaw fi żmien raġjonevoli.

## Il-Lukanda Excelsior

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti li din il-lukanda kienet qed torganizza

laqgħat pubbliċi u ma kienx hemm faċilitajiet santarji pubbliċi viċin is-swali fejn ikunu qed jsiru dawn il-laqgħat. Il-Kummissjoni kitbet lil management biex din il-problema tissolva fl-iqsar żmien possibbli.

### Il-McDonald's u Pizza Hut

Il-Kummissjoni rċeviet numru ta' lmenti li wħud mill-fergħat ta' dawn l-istabbilimenti tal-ikel m'humiex aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni qed tiltaqa' mal-managements rispettivi biex jiġu esplorati possibiltajiet kif l-aċċessibilità għal dawn l-istabbilimenti tista' titjieb sal-massimu possibbli.

### Ir-Ristorant Ta' Pawlu, fl-Imġarr Għawdex

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li dan ir-ristorant ma mexiex skond il-pjanti kif approvati mill-MEPA u l-entratura ta' dan ir-ristorant mhix aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dan iseħħ.

### L-Empire Cinema

Il-Kummissjoni kompliet bid-diskussjonijiet biex it-tejatri taċ-cinema fl-Empire f'Buġibba jkunu fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. Il-management ta' din iċ-ċinema ssuġġerixxa li l-persuni b'diżabilità jidħlu minn ristorant li jinfed imma li preżentament hu wkoll mhux aċċessibbli. Il-Kummissjoni qablet li jkun hemm entratura waħda aċċessibbli kemm għaċ-ċinema kif ukoll għar-ristorant però hi argumentat li din għandha tkun dik taċ-ċinema. Sfortunatament minkejja li għadda żmien mhux ħażin din il-problema għadha ma ġietx solvuta.

### Spiżerija f'Birkirkara

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex l-ispiżerija Rational, f'Birkirkara tkun aċċessibbli għal kulħadd kif ipproponew l-istess management meta applika mal-MEPA biex jirrinovaha. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda rispons għall-korrispondenza tagħha u għaldaqstant ippreżentat protest ġudizzjarju. F'dan l-istadju kien hemm intervent mill-GRTU u ċ-Cermen tal-Kummissjoni aċċetta li jmur ikellem lill-Kunsill ta' din l-organizzazzjoni biex jiddiskutu b'mod ġenerali l-proċess tal-ivvettjar ta' applikazzjonijiet tal-MEPA.

Wara diskussjonijiet informali, il-management ta' din l-ispizerija aċċetta li l-każ imur arbitraġġ.

**L-Aula Magna fl-Università l-Qadima**

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma biex l-Aula Magna tal-Università l-Antika fil-Belt Valletta ssir aċċessibbli għal kulħadd. Kien hemm problemi minħabba li parti minn dan il-bini ma kienx jappartjeni lill-Università. Issa l-bini kollu hu amministrat mill-Università u għalhekk hemm pjanijiet li jiġi stallat lift li jagħmel is-sulari kollha aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dan il-bini jsir aċċessibbli għal kulħadd fl-iqsar żmien possibbli.

## GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI

**Karozzi Self Drive Aċċessibbli**

Il-Kummissjoni kompliet taħdem mar-Rent-a-Car Association (RACA) biex il-garaxxijiet li jikru l-karozzi jkollhom ukoll karozzi li jaħdmu bil-kontrolli tal-idejn. Iċ-Cermen tal-Kummissjoni mar anke jitkellem fil-Laqgħa Ġenerali ta' din l-Assoċjazzjoni. Fil-fatt l-Assoċjazzjoni xtrat dawn il-kontrolli li però, wara rriżulta li ma kinux tajbin. Barra li jinxtara l-apparat meħtieġ irid ikun hemm sistema kif dawn il-karozzi jistgħu jinkrew u li dan is-servizz ikun magħruf permezz ta' pubbliċità xierqa. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex biex din il-problema tissolva fl-iqsar żmien possibbli.

**Is-Servizz tal-Gozo Channel**

Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex is-servizz mogħti mill-Gozo Channel ikun verament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, l-aktar dawk li għandhom diżabilità fiżika. Il-Kummissjoni tat taħditiet lill-impjegati kollha ta' din il-Kumpanija biex dawn ikollhom għarfien akbar f'dan il-qasam. Intlaħaq ftehim ukoll biex il-Kumpanija toħroġ fuljett dwar is-servizzi li hi toffri f'dan ir-rigward. Sfortunatment qed jgħaddi ħafna żmien biex dan il-fuljett joħroġ.

**Hoist għall-Pixxina tal-Isptar San Luqa**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li persuni b'diżabilità ma setgħux jieħdu s-servizz ta' fiżjoterapija fil-pixxina tal-Isptar San Luqa minħabba li ma kienx hemm hoist. Wara diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-Isptar, intlaħaq ftehim li din il-hoist tinxtara. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dan il-ftehim jitwettaq.

**Aċċessibilità għall-Websajt**

Flimkien mal-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA), il-

Kummissjoni kompliet taħdem biex websajts ta' entitajiet kbar ikunu aċċessibbli għal kulħadd skond standards internazzjonali. Matul din is-sena, komplew it-taħditiet u ġie reġistrat progress fil-websajts ta' dawn l-entitajiet

- Id-Djoċesi ta' Malta
- Il-Bank APS
- Il-Bank of Valletta.

Matul din is-sena wkoll bdew diskussjonijiet biex anke l-websajt tal-Yellow Pages tkun aċċessibbli. Għalkemm sar progress jidher li għad hemm diffikultà ta' sigurtà għall-informazzjoni biex jintlaħaq l-għan mixtieq.

### ASSIGURAZZJONI

**Assigurazzjoni għall-Persuni b'Diżabilità tal-Middle Sea mill-Bank of Valletta**

Il-Kummissjoni kompliet taħdem dwar l-ilment li l-Bank of Valletta kien qed joffri assigurazzjoni tal-Middle Sea li fil-prospektus kien qed jindika li familjari b'diżabilità tal-assigurat ma kinux koperti. Il-Middle Sea infurmatna li dan ma kienx il-każ u għalhekk tlabna lill-Bank of Valletta biex jibdlu l-kliem tal-prospektus. Sfortunatament minkejja diversi tentattivi dan għadu ma seħħx imma l-Kummissjoni se tkompli taħdem biex din il-problema tissolva fl-iqsar żmien possibbli.

## IL-QORTI

### L-EDUKAZZJONI

**L-Għoti ta' Mediċina fl-Iskejjel**

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha dwar l-ilmenti li numru żgħir ta' studenti m'humiex jingħataw il-mediċini li għandhom bżonn waqt li jkunu l-iskola jew inkella l-ġenituri tagħhom qed ikollhom imorru l-iskola kuljum (ġieli aktar minn darba) biex jagħtu l-mediċina li uliedhom għandhom bżonn. Minkejja li l-Kummissjoni kkoperat mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u ħadet sehem f'task force li għamlet ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa, baqgħet ma nstabitx soluzzjoni. Il-Kummissjoni ma kellha l-ebda triq għajr, li wara li ppreżentat protest ġudizzarju, tiftaħ kawża kontra dan il-Ministeru. Matul din is-sena, il-Qorti kompliet tisma' din il-kawża.

Wara l-ħatra ta' amministrazzjoni ġdida, reġgħu bdew diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Ministeru biex possibilment tinstab soluzzjoni għal din il-problema barra l-Qorti.

## AĊĊESSIBILITÀ

### Il-Lukanda Calypso, f'Għawdex

Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex l-entratura prinċipali għal din il-lukanda ssir aċċessibbli għal kulħadd skond kif propost mill-istess management fl-applikazzjoni li huma għamlu mal-MEPA biex ikun hemm rinnovazzjoni ta' din il-lukanda. Minkejja diskussjonijiet twal, inkluż protest ġudizzjarju min-naħa tal-Kummissjoni, ma ntlaħaq l-ebda ftehim u l-Kummissjoni ma kellha l-ebda triq għajr li tiftaħ kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex. Waqt is-smigħ tal-provi, il-management offra soluzzjoni aċċettabbli u wara diversi xhur installa platform lift.

Però l-access mill-platform lift għall-entratura prinċipali għadu wieħed temporanju. Il-Kummissjoni qed tkompli bil-ħidma tagħha biex possibilment tinstab soluzzjoni finali għal din il-problema barra l-Qorti.

### Iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira

Il-Kummissjoni kompliet bil-kawża li għandha fil-Qorti kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa dwar l-aċċessibilità għaċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira minħabba li dan mhux fiżikament aċċessibbli għal kulħadd għax qiegħed fl-ewwel sular u m'hemmx lift. Sfortunatament ftit li xejn qed ikun hemm progress u jidher li din il-kawża se tieħu fit-tul ħafna.

# LISTA TA' LMENTI KOLLHA

### IX-XOGĦOL - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Privat | Magħluq | Eden Coop | Tmiem tal-impjieg | Awwissu 2007 |
| 2 | Parastatali | Magħluq | WasteServ Ltd | Tmiem tal-impjieg | Awwissu 2007 |

### IX-XOGĦOL - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Parastatali | Magħluq | ETC | Apprentistat ta' persuni deaf bħala mechanic | Novembru 2007 |
| 2 | Parastatali | Magħluq | ETC | Twaqqif ta' benefiċċji għax sab sab xogħol part-time waħdu | Jannar 2008 |
| 3 | Gvern | Magħluq | Min tal-Eduk | Nuqqas ta' tibdil meħtieġ | Frar 2008 |
| 4 | Privat | Magħluq | HSBC Bank | Tibdil fix-xogħol wara diżabilità | April 2008 |
| 5 | Parastatali | Magħluq | Università | Trattament differenti fl-impjieg | April 2008 |
| 6 | Gvern | Magħluq | MPO | Talba għal sapport waqt l-eżami għall-post ta' Prinċipal mal-Gvern | Mejju 2008 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Gvern | Magħluq | Div tas-Saħħa | Persuna b'nuqqas intellettwali trid tibqa' taħdem | Mejju 2008 |
| 8 | Gvern | Magħluq | Forzi Armati ta' Malta | Applikazzjoni għal suldat mhix aċċettat minħabba colour blindness | Mejju 2008 |
| 9 | Privat | Magħluq | Playmobil | Il-kuntratt tax-xogħol mhux imġedded | Lulju 2008 |

## L-EDUKAZZJONI - ILMENTI MINN TAS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Gvern | Qorti | Div tal-Eduk | Nuqqas ta' għoti ta' mediċini fl-iskejjel | Jannar 2003 |
| 2 | Gvern | Magħluq | FTS | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-iskola primarja ta' San Ġiljan | Ottubru 2005 |
| 3 | Knisja | Diskuss | Skola tal-Knisja | Studenta b'diżabilità tintbagħat id-dar meta l-LSA tkun assenti | Awwissu 2006 |
| 4 | Gvern | Diskuss | Min ta' Għawdex | Skejjel f'Għawdex | Novembru 2006 |
| 5 | Gvern | Diskuss | FTS | Aċċess għall-palk (Skola Primarja Attard) | Diċembru 2006 |
| 6 | Gvern | Magħluq | FTS | Nuqqas ta' aċċess fl-iskola primarja, Ħaż-Żabbar | Mejju 2007 |
| 7 | Parastatali | Magħluq | MCAST | Nuqqas ta' assistenza personali | Mejju 2007 |
| 8 | Parastatali | Magħluq | MCAST | Nuqqas ta' assistenza personali u tojlit aċċessibbli | Lulju 2007 |
| 9 | Parastatali | Magħluq | MCAST | Applikazzjoni għall-kors | Settembru 2007 |

## L-EDUKAZZJONI - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Gvern | Magħluq | Skola Primarja Xewkija | Nuqqas ta' aċċess | Ottubru 2007 |
| 2 | Knisja | Magħluq | St Dorothy's School | Nuqqas ta' tibdil (theddid ta' tkeċċija) | Frar 2008 |
| 3 | Parastatali | Diskuss | MCAST | Aċċess fiżiku u fit-tagħlim li jingħata fl-iMCAST | Jannar 2008 |
| 4 | Privat | Magħluq | Skola San Miguel | Nuqqas ta' tibdil (biex jiekol) | April 2008 |
| 5 | Privat | Magħluq | Skola Indipendenti | Tifel b'nuqqas intellettwali mhux inkluż fl-iskola | Ġunju 2008 |
| 6 | Privat | Diskuss | Compex Computer | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 7 | Privat | Diskuss | Computer Domain | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 8 | Privat | Diskuss | Deloitte & Touche | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 9 | Privat | Diskuss | Electronic Products | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 10 | Privat | Diskuss | Execu Train | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 11 | Privat | Diskuss | Holistic Technologies | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Privat | Diskuss | Horizon 2000 | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 13 | Privat | Diskuss | Infotech | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 14 | Privat | Diskuss | Integrated Business Systems | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 15 | Privat | Diskuss | IT IS | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 16 | Privat | Diskuss | IT Services | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 17 | Privat | Diskuss | JPS | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 18 | Privat | Diskuss | Key Training | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 19 | Privat | Diskuss | Learn Key | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 20 | Privat | Diskuss | Malta Institute for Computer Studies | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 21 | Privat | Diskuss | Maniscalco | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 22 | Privat | Diskuss | Ms Micallef | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 23 | Privat | Diskuss | STC Training | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 24 | Privat | Diskuss | St Mark's | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 25 | Privat | Diskuss | St Martin's | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 26 | Privat | Diskuss | TCTC Ltd | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Privat | Diskuss | Golden Flower | Aċċessibilità fi skola tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 28 | Privat | Magħluq | Kulleġġ St Edward's | Aċċess fiżiku | Lulju 2008 |

## L-AĊĊESSIBILITÀ - ILMENTI MINN TAS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Privat | Magħluq | Michele Peresso | Nuqqas ta' aċċessibilità | April 2000 |
| 2 | Gvern | Diskuss | Div tas-Saħħa | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura ta' Evans Bldg | Novembru 2000 |
| 3 | Gvern | Qorti | Div tas-Saħħa | Nuqqas ta' lift fiċ-Ċentru tas-Saħħa, il-Gżira | Lulju 2001 |
| 4 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Qormi | Nuqqas ta' aċċessibilità għat-Tribunal Reġjonali | Awwissu 2002 |
| 5 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Għarb | Aċċess fl-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Awwissu 2002 |
| 6 | Privat | Diskuss | Każin tal-Banda San Ġwann | Nuqqas ta' aċċessibilità | Marzu 2003 |
| 7 | Privat | Diskuss | Każin tal-Banda Sant'Antnin, B'kara | Nuqqas ta' aċċessibilità | Awwissu 2003 |
| 8 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Mġarr | Nuqqas ta' aċċessibilità | Marzu 2004 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 | Privat | Magħluq | Lukanda Riviera | Nuqqas ta' aċċessibilità | Ġunju 2004 |
| 10 | Privat | Diskuss | Valletta Waterfront | Nuqqas ta' aċċessibilità | Awwissu 2004 |
| 11 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Dingli | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Ottubru 2004 |
| 12 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Fgura | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Ottubru 2004 |
| 13 | Privat | Qorti | Lukanda Calypso | Nuqqas ta' aċċessibilità | Novembru 2004 |
| 14 | Privat | Magħluq | Eden Century | Nuqqas ta' aċċessibilità | Novembru 2004 |
| 15 | Parastatali | Diskuss | ADT | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bankini | Lulju 2005 |
| 16 | Privat | Diskuss | Lukanda Hilton | Nuqqas ta' aċċessibilità | Settembru 2005 |
| 17 | Knisja | Magħluq | Parroċċa Santa Venera | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Ottubru 2005 |
| 18 | Parastatali | Diskuss | Università | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Aula Magna | Ottubru 2005 |
| 19 | Gvern | Diskuss | Dip tas-Sigurtà Soċjali | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Uffiċċju Distrettwali tas-Sigurtà Soċjali | Novembru 2005 |
| 20 | Privat | Diskuss | Empire Cinema | Nuqqas ta' aċċessibilità għat-teatru | Marzu 2006 |
| 21 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Naxxar | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq tas-Sgħajtar, in-Naxxar | Marzu 2006 |
| 22 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Mosta | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq l-Aħwa Galea, il-Mosta | Marzu 2006 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 23 | Knisja | Diskuss | Parroċċa San Ġiljan | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2006 |
| 24 | Gvern | Diskuss | Min tal-Infrastruttura | Aċċessibilità fit-toroq tal-Grand Harbour Marina Vittoriosa | April 2006 |
| 25 | Knisja | Diskuss | Parroċċa San Gejtanu | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | April 2006 |
| 26 | Knisja | Diskuss | Parroċċa San Ġorġ (Victoria) | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | April 2006 |
| 27 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Xagħra | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | April 2006 |
| 28 | Privat | Diskuss | Sala Sant'Anna, Marsaskala | Aċċessibilità għas-sala | Lulju 2006 |
| 29 | Gvern | Diskuss | Reġistru Pubbliku | Aċċessibilità għar-Reġistru Pubbliku għall-uffiċċju | Lulju 2006 |
| 30 | Knisja | Magħluq | Parroċċa Ibraġġ | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Awwissu 2006 |
| 31 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Ħal Lija | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Awwissu 2006 |
| 32 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Manikata | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Awwissu 2006 |
| 33 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Ħal Luqa | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Awwissu 2006 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Knisja | Magħluq | Parrocca Fleur de Lys | Aċċess għall-entratura principali tal-knisja parrokkjali | Awwissu 2006 |
| 35 | Gvern | Diskuss | Div tas-Saħħa | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-Bereġ | Awwissu 2006 |
| 36 | Gvern | Diskuss | Belvedere Imdina | Nuqqas ta' aċċessibilità | Ottubru 2006 |
| 37 | Privat | Diskuss | Huggins Pub | Nuqqas ta' aċċess | Jannar 2007 |
| 38 | Privat | Diskuss | Footloose Pub | Nuqqas ta' aċċess | Jannar 2007 |
| 39 | Privat | Diskuss | Plush Pub | Nuqqas ta' aċċess | Jannar 2007 |
| 40 | Privat | Diskuss | Għall-Kafè | Nuqqas ta' aċċess | Jannar 2007 |
| 41 | Pricat | Diskuss | Burger King, Paceville | Nuqqas ta' aċċess | Jannar 2007 |
| 42 | Privat | Diskuss | Empire Pub | Nuqqas ta' aċċess | Jannar 2007 |
| 43 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Kerċem | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2007 |
| 44 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Munxar | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2007 |
| 45 | Knisja | Diskuss | Parroċċa tal-Katidral, Victoria | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2007 |
| 46 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Xlendi | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2007 |
| 47 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Mellieħa | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2007 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 48 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Mgarr, Malta | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2007 |
| 49 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Mqabba | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2007 |
| 50 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Msida | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Marzu 2007 |
| 51 | Privat | Arbitraġġ | Rational Pharmacy, B'Kara | Aċċessibiltà għall-ispiżerija | Marzu 2007 |
| 52 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Ta' Xbiex | Parkeġġ riservat | Ġunju 2007 |
| 53 | Gvern | Diskuss | Dip tal-Passaporti | Nuqqas ta' aċċessibilità | Mejju 2007 |
| 54 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Mosta | Nuqqas ta' aċċess għat-tojlits pubbliċi fil-pjazza tal-Mosta | Lulju 2007 |
| 55 | Parastatali | Diskuss | Heritage Malta | Nuqqas ta' aċċess għall-esibizzjonijiet ta' Heritage Malta | Awwissu 2007 |
| 56 | Parastatali | Magħluq | Aġenzija Sedqa | Entratura mhix aċċessibbli | Awwissu 2007 |
| 57 | Privat | Magħluq | Firstar Healthcare | Entratura mhix aċċessibbli | Awwissu 2007 |
| 58 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Valletta | Parkeġġ riservat ħdejn il-Knisja ta' Santu Wistin | Awwissu 2007 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Valletta | Parkeġġ riservat ħdejn iċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi | Awwissu 2007 |

## L-AĊĊESSIBILITÀ - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Żejtun | Parkeġġ riservat bil-ħin | Ġunju 2008 |
| 2 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali B'Kara | Aċċessibilità fil-bankini | Ottubru 2007 |
| 3 | Privat | Diskuss | Ta' Pawlu, Mġarr Għawdex | Nuqqas ta' aċċessibilità | Novembru 2007 |
| 4 | Knisja | Diskuss | Istitut Kattoliku | Nuqqas ta' aċċessibilità | Novembru 2007 |
| 5 | Privat | Magħluq | Suncity, M'Skala | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diċembru 2007 |
| 6 | Gvern | Magħluq | Medical Council | Nuqqas ta' aċċessibilità | Jannar 2008 |
| 7 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Iklin | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq il-Plejju, l-Iklin | Jannar 2008 |
| 8 | Gvern | Diskuss | Div tas-Saħħa | M'hemmx hoist ghall-pool fejn issir il-fiżjoterapija fl-Isptar San Luqa | Jannar 2008 |
| 9 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Ħaż-Żabbar | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Jannar 2008 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Knisja | Diskuss | Parrocca San Gwann | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Jannar 2008 |
| 11 | Knisja | Diskuss | Santwarju Ta' Pinu | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Frar 2008 |
| 12 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Santu Wistin, Valletta | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Frar 2008 |
| 13 | Gvern | Magħluq | Div tas-Saħħa | Toilets pubbliċi m'humiex aċċessibbli ghal kulħadd | Frar 2008 |
| 14 | Knisja | Magħluq | Knisja Kunċizzjoni, Msida | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Frar 2008 |
| 15 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Sliema | Parkeġġ riservat bil-ħin | Frar 2008 |
| 16 | Parastatali | Magħluq | ADT | Applikazzjoni għal parkeġġ riservat quddiem ir-residenza | Marzu 2008 |
| 17 | Gvern | Magħluq | Div tas-Saħħa | Reserved Parking Bays fl-Isptar Mater Dei ħdejn l-Institute of Health Care u l-Administration Block | Marzu 2008 |
| 18 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Gżira | Nuqqas ta' parkeġġ riservat quddiem il-knisja parrokkjali | Marzu 2008 |
| 19 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Paola | Aċċess għall-garaxx | Marzu 2008 |
| 20 | Knisja | Diskuss | APS Bank | Aċċess għal fergħa tal-APS Bank f'B'kara | April 2008 |
| 21 | Privat | Diskuss | TipToes | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut TipToes, B'kara | April 2008 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 22 | Privat | Diskuss | Cutajar Ltd | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut Cutajar Ltd, San Ġwann | April 2008 |
| 23 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Qrendi | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | April 2008 |
| 24 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Paola | Aċċess ghall-entratura principali tal-knisja parrokkjali | April 2008 |
| 25 | Knisja | Diskuss | Parroċċa Stella Maris | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | April 2008 |
| 26 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Valletta | Parkeġġ riservat fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta | April 2008 |
| 27 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Sliema | Aċċess għall-garaxx | April 2008 |
| 28 | Privat | Magħluq | Embassy | It-toilet aċċessibbli fil-Kumpless Embassy | Mejju 2008 |
| 29 | Privat | Magħluq | Café Cordina | Nuqqas ta' toilet aċċessibbli għal kulħadd | Mejju 2008 |
| 30 | Privat | Magħluq | Gozo Channel | Tojlits aċċessibbli fis-Sea Passengers Terminal | Mejju 2008 |
| 31 | Parastatali | Magħluq | ADT | Parkeġġ riservat quddiem residenza | Mejju 2008 |
| 32 | Gvern | Magħluq | For Diversity Against Discrimination | Organizzazzjoni ta' seminar fil-Lukanda Excelsior | Mejju 2008 |
| 33 | Knisja | Diskuss | Knisja San Pawl Tat-Tarġa | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Ġunju 2008 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Żejtun | Il-gabbani tal-festa jarmaw fuq il-parkeġġ riservat | Ġunju 2008 |
| 35 | Privat | Diskuss | McDonald's | Aċċess fiżiku fil-ħwienet tal-McDonald's | Ġunju 2008 |
| 36 | Privat | Diskuss | Food Chain Holdings | Aċċess fiżiku fil-ħwienet tal-Food Chain Holdings Ltd | Ġunju 2008 |
| 37 | Parastatali | Diskuss | ADT | Bankina ġdida fi Triq il-Knisja, Xagħra | Ġunju 2008 |
| 38 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali San Ġiljan | Bankini fi Triq Anġelo Pullicino, San Ġiljan | Ġunju 2008 |
| 39 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Pietà | Bankini quddiem l-Isptar San Luqa | Ġunju 2008 |
| 40 | Privat | Diskuss | Lukanda Excelsior | Nuqqas ta' toilet aċċessibbli fil-lukanda | Lulju 2008 |
| 41 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Sliema | Parkeġġ riservat ħdejn il-Lukanda Fortina | Lulju 2008 |
| 42 | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Ostakoli għal bankiena fi Triq Korp il-Pijunieri, Qawra | Lulju 2008 |
| 43 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Żabbar | Żurżieqa perikoluża f'St Peter's area,Ħaż-Żabbar | Lulju 2008 |
| 44 | Gvern | Magħluq | Malta Football Association | Aċċess għall-parkeġġ tal-istadium | Awwissu 2008 |
| 45 | Privat | Diskuss | Golden Sands | Nuqqas ta' aċċessibilità | Awwissu 2008 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Privat | Diskuss | Bank of Valletta | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-fergħa ta' Birżebbuġa | Awwissu 2008 |
| 47 | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Msida | Nuqqas ta' aċċess fi Triq Johnny Catania, Imsida | Settembru 2008 |
| 48 | Knisja | Magħluq | Parroċċa Ħal Għaxaq | Aċċess għall-entratura prinċipali tal-knisja parrokkjali | Settembru 2008 |

## L-GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI - ILMENTI MINN TAS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Privat | Diskuss | Bank of Valletta | Tipa żgħira tal-istatements tal-bank u nuqqas ta' aċċessibilità fil-websajt | Marzu 2005 |
| 2 | Parastatali | Magħluq | Water Services Corporation | Tipa żgħira tal-istatements u nuqqas ta' aċċessibilità fil-websajt | Marzu 2005 |
| 3 | Privat | Diskuss | Melita plc | Tipa zgħira tal-istatements u nuqqas ta' aċċessibilità fil-websajt | Ottubru 2005 |
| 4 | Privat | Magħluq | HSBC Bank | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-ATMs f'Tas-Sliema, l-Imdina, u l-Belt Valletta | Ġunju 2006 |
| 5 | Privat | Diskuss | Self-drive car hire garages | Provediment tas-servizzi aċċessibbli | Ġunju 2006 |
| 6 | Knisja | Diskuss | Knisja ta' Għawdex | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-websajt | Awwissu 2006 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Knisja | Diskuss | Knisja ta' Malta | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-websajt | Jannar 2006 |
| 8 | Parastatali | Diskuss | Gozo Channel | Servizz fuq il-vapuri tal-Gozo Channel | Jannar 2007 |
| 9 | Parastatali | Diskuss | ADT | Bdil fit-timetable tal-karozzi tal-linja | Jannar 2007 |
| 10 | Parastatali | Diskuss | ADT | Aċċessibilità għall-Valletta Park & Ride | Frar 2007 |
| 11 | Privat | Diskuss | Where's Everybody? | Aċċessibilità għall-programm Xarabank | April 2007 |
| 12 | Parastatali | Diskuss | CT Park Malta | L-aċċessibilità għall-Valletta Park & Ride | April 2007 |
| 13 | Privat | Magħluq | Kump Privata | Aċċessibilità għall-cruise | Awwissu 2007 |

## L-GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Gvern | Magħluq | Dip tas-Sigurtà Soċjali | Talba għall-benefiċċju finanzjarju | Novembru 2007 |
| 2 | Parastatali | Magħluq | ADT | Talba li dokument tal-permess biex ma jilbisx is-seatbelt isir bl-Ingliz | Jannar 2008 |
| 3 | Parastatali | Magħluq | ADT | Tneħħija ta' parkeġġ riservat quddiem residenza | Jannar 2008 |
| 4 | Gvern | Magħluq | MITI | Internet bla ħlas | Frar 2008 |
| 5 | Parastatali | Magħluq | ADT | Parkeġġ riservat quddiem residenza | Jannar 2008 |

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Parastatali | Magħluq | ADT | Nuqqas ta' karozzi tal-linja aċċessibbli għal kulħadd u mġiba ħażina mis-sewwieqa | Frar 2008 |
| 7 | Parastatali | Magħluq | ADT | Parkegg riservat | Marzu 2008 |
| 8 | Gvern | Magħluq | Ministeru tal-Politika Soċjali | Talba għall-benefiċċju finanzjarju | Marzu 2008 |
| 9 | Gvern | Magħluq | Malta Triathlon Association | Aċċess f'kompetizzjoni sportiva | April 2008 |
| 10 | Privat | Diskuss | APS Bank | Aċċess tal-websajt u l-internet banking | April 2008 |
| 11 | Gvern | Magħluq | Div tas-Saħħa | Għoti ta' apparat mediku | Mejju 2008 |
| 12 | Gvern | Magħluq | Foundation For Social Welfare Services | Servizz ta' Ċentru ta' Matul il-Jum f'Ħal Far | Mejju 2008 |
| 13 | Privat | Diskuss | Yellow Pages | Websajt mhix aċċessibbli | Ġunju 2008 |
| 14 | Gvern | Magħluq | Ministeru tal-Politika Soċjali | Lingwaġġ tal-formoli tal-Ministeru tal-Politika Soċjali | Lulju 2008 |
| 15 | Gvern | Magħluq | Dip tas-Sigurtà Soċjali | Talba għall-benefiċċju finanzjarju | Lulju 2008 |
| 16 | Privat | Magħluq | Malta Coop | Servizz ta' trasport aċċessibbli waqt strike | Lulju 2008 |
| 17 | Gvern | Magħhluq | Div tas-Saħħa | Stennija għall-operazzjoni | Lulju 2008 |
| 18 | Parastatali | Magħluq | ADT | Trasport aċċessibbli għax-xogħol bi ħlas issussidjat | Ottubru 2007 |

## L-ASSIGURAZZJONI - ILMENTI MINN TAS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Privat | Diskuss | Middlesea Insurance u BOV | Assigurazzjoni ta' persuna b'diżabilità | Frar 2007 |

## DJAR - ILMENTI MINN TAS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Privat | Magħluq | Kump Privata | Aċċessibilità f'lift | Awwissu 2007 |

## DJAR - ILMENTI ĠODDA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Privat | Magħluq | Kumpanija Privata | Aċċess għall-garaxx bil-lift | Marzu 2008 |
| 2 | Privat | Magħluq | Kumpanija Privata | Aċċess għall-bejt bil-lift | April 2008 |



# APPENDIĊI

## KIF TAGĦMEL ILMENT

Jekk inti persuna b'diżabilità jew membru tal-familja ta' persuna b'diżabilità u tħoss li ġejt iddiskriminata minħabba d-diżabilità tiegħek minn xi persuna jew entità, il-KNPD tirrakkomanda li tagħmel dawn l-affarijiet:

[1] Kellem lill-persuna responsabbli minn dik l-entità li tħoss li qed tiddiskrimina kontrik u għidilha biex twaqqaf din id-diskriminazzjoni.

[2] Jekk inti ma tħossokx sodisfatt, jew ma jiġri xejn, agħmel l-ilment tiegħek bil-kitba lil dik l-entità. Fl-aħħar ta' dan il-fuljett issib kampjun ta' ittra biex tgħinek tiktibha. Żomm kopja ta' l-ittra biex inti jkollok prova ta' dan l-ilment. Fl-ittra ara li jkun hemm:

- Ismek, l-indirizz u n-numru tat-telefon bħala l-persuna li qed tagħmel l-ilment. Jekk inti għad ma għandekx 18-il sena trid tagħti d-dettalji tal-ġenituri tiegħek jew ta' dawk li jieħdu ħsiebek.

- L-isem u l-indirizz ta' l-entità li inti tħoss li qed tiddiskrimina kontrik.
- Jekk taf min hu jew min huma, l-isem jew l-ismijiet ta' l-individwi li tħoss li jkunu għamlu din id-diskriminazzjoni.
- Deskrizzjoni qasira imma dettaljata ta' l-att jew atti ta' diskriminazzjoni (fosthom, id-dati ta' meta saru, jekk ikun il-każ).
- Kull informazzjoni oħra li inti tħoss li tagħti aktar saħħa lill-ilment tiegħek.
- Ibgħat kopji tad-dokumenti relevanti. Żomm l-originali inti stess.

[3] Jekk tħoss li mhux qed ikun hemm progress, erġa' ikteb u ibgħat kopja ta' kollox lill-KNPD. Fl-ittra tiegħek lill-entità, ikteb li qed tibgħat kopja lill-KNPD.

[4] Jekk ma jirnexxilekx issib soluzzjoni, agħmel ilment formali lill-KNPD billi timla l-formola ta' l-ilmenti li tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni jew minn fuq il-websajt: www.knpd.org.

[5] Il-KNPD tikkunsidra l-ilment tiegħek u tinfurmak bl-azzjoni li tieħu.

## Ftakar

- L-uffiċjali tal-KNPD jistgħu jgħinuk f'kull parti ta' din il-proċedura, fosthom il-mili tal-formola ta' l-ilment.
- Inti għandek l-għażla li inti stess tieħu l-ilment tiegħek quddiem il-Qorti (jew it-Tribunal Industrijali, f'ċerti każijiet relatati ma' l-impjieg).

# ITTRA TA' LMENT

## Il-partijiet il-GRIŻI iridu jimtlew jew jinbidlu skond l-ilment)

*Niżżel id-data ta' meta tikteb l-ittra*

*Isem is-Sid jew Manager*
*Isem in-Negozju jew l-Entità*
*Indirizz tan-Negozju jew l-Entità*

Għażiż Sinjur/a,
Qed nikteb biex inressaq dan l-ilment. *ikteb id-dettalji ta' l-ilment, eż: in-nuqqas ta' aċċess fiżiku fl-iskola; in-nuqqas ta' hands free telephone fuq il-post tax-xogħol tiegħek.*

Jiena persuna b'diżabilità reġistrata mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD). Kif diġà spjegajtlek bil-kliem, *it-tifel/tifla tiegħi trid tuża l-iskola imma dan mhux possibbli minħabba n-nuqqas ta' aċċess li jeżisti; jiena ma nistax naqdi d-doveri kollha tax-xogħol tiegħi minħabba n-nuqqas ta' dan l-apparat li għandi bżonn minabba d-dizabilita' tiegħi.*

Skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita') tas-sena 2000, *postijiet pubbliċi bħal skejjel huma obbligati li jneħħu l-ostakli fiżiċi; min iħaddem hu obbligat li jipprovdi apparat meħtieġ biex persuna b'diżabilità tkun tista' taħdem b'mod effettiv.* In-nuqqas tiegħek li tieħu l-miżuri necessarji kif qed nitolbok, ifisser li inti qed tikser il-Ligi Opportunitajiet Indaqs.

Jiena lest anke li niltaqa' miegħek biex niddiskuti dan l-ilment b'aktar dettalji. Jiena nista' niġi kkuntattjat f'dan l-indirizz *niżżel l-indirizz personali tiegħek* jew bit-telefon numru *niżel in-numru tat-telefon personali tiegħek.*

Il-KNPD tista' toffri parir u informazzjoni kif inti tista' tikkonforma ma' din il-Liġi. Barra minn hekk, kopja ta' din il-liġi tista' tinkiseb minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

Jiena qed ngħaddi din l-ittra lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità biex jekk ikun hemm bżonn tagħtini l-għajnuna meħtieġa.

Nittama li din l-informazzjoni u dan l-ilment jiġu kkunsidrati serjament u li jittieħdu l-miżuri korrettivi neċessarji fi żmien raġonevoli.

Dejjem tiegħek,

______________________________

*iffirma l-ittra u ikteb ismek b'ittri kbar taħt*

KNPD

**Kummissjoni Nazzjonali**
**Persuni b'Diżabilità**

Ċentru Ħidma Soċjali
Istitut Vincenzo Bugeia
Santa Venera
Telefon: 2148 7789
Fax: 2148 4609
Textelfon: 2144 6536
Emejl: helpdesk@knpd.org

**www.knpd.org**

ISBN: 978-99909-71-37-8